# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Dicembru 2020**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 122/2019 JVC**

**Geraldine Myra Noel f'isem u ghan-nom ta' Adewunmi Adedeji Ogunsanya**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Geraldine Myra Noel noe kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'ILLI r-rikorrenti Adewunmi Adedeji Ogunsanya twieled fin-Nigerja fit-8 ta' Gunju 1963, u gie msemmi Adewunmi Adedeji Ogunsanya;

2. ILLI mar-registrazzjoni tat-twelid tieghu inhareg certifikat (bin-numru A05119400), izda l-ufficjal inkarigat bi zball kiteb "Adewumi" minflok "Adewunmi"; (kopja annessa u mmarkata Dok A)

3. ILLI l-passaport Nigerjan tar-rikorrent Adewunmi Adedeji Ogunsanya fil-fatt gie mahrug bl-isem miktub korrettament, u cjoe' "Adewunmi Adedeji Ogunsanya" (kopja annessa u mmarkata Dok B);

4. Illi meta r-rikorrent Adewunmi Adedeji Ogunsanya pprezenta l-applikazzjoni ghall-passaport quddiem l-awtoritajiet kompetenti f'Malta, il-passaport Malti fil-fatt gie mahrug bid-dettalji zbaljati (Dok C), u huwa biss f'dan il-mument illi gie nnutat l-izball fic-certifikat tat-twelid tieghu; dan huwa ghaliex l-izball huwa wiehed insinjifikanti;

5. ILLI minhabba li l-passaport Malti tar-rikorrent inhareg skond ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent Adewunmi Adedeji Ogunsanya, u mhux skond il-passaport Nigerjan, issa jinsab fil-pozizzjoni illi l-passaport Malti juri isem differenti minn dak li jidher fil-passaport Nigerjan; illi dan qieghed jikkawza problemi f'punti ta' immigrazzjoni u ta' sigurta' meta jkollu bzonn juza' z-zewg passaporti; illi gie li jesperjenza wkoll problemi mal-awtoritajiet f'liema pajjiz ikun, minhabba din id-diskrepanza;

6. ILLI dawn il-fatti huma attestati mir-rikorrenti Adewunmi Adedeji Ogunsanya permezz ta' affidavit mahluf quddiem il-qrati

kompetenti fin-Nigerja (Dok D), u mill-*National Population Commission* ta' Lagos State, Nigeria (Dok E);

7. ILLI ghalkemm ir-rikorrenti Adewunmi Adedeji Ogunsanya ghandu residenza f'Malta, jivvjagga spiss u ghaldaqstant kellu jahtar lir-rikorrenti Geraldine Myra Noel *nomine* sabiex tirraprezentah f'dawn il-proceduri;

8. ILLI ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa mehtieg illi tigi ordnata l-korrezzjoni tar-registrazzjoni tac-certifikat tat-twelid tar-rikorrent Adewunmi Adedeji Ogunsanya f'Malta, u konsegwentament li tigi ordnata l-korrezzjoni tal-passaport tal-imsemmi Adewunmi Adedeji Ogunsanya, u ghalhekk kella ssir din l-azzjoni.

GHALDAQSTANT filwaqt li jigi kkunsidrat is-suespost, ir-rikorrenti nomine titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna, ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-korrezzjoni tar-registrazzjoni f'Malta tac-certifikat ta' twelid tar-rikorrenti Adewunmi Adedeji Ogunsanya, sabiex il-kelma "Adewumi" tinbidel f' "Adewunmi"

2. Tordna l-korrezzjoni tal-passaport tal-istess Adewunmi Adedeji Ogunsanya, sabiex il-kelma "Adewumi" tinbidel f' "Adewunmi" f'dan is-sens;

3. Taghmel kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi bla hsara ghal premess u fil-mertu, ghandu jigi sottolinejat illi Adewumi Adedeji Ogunsanya twieled gewwa n-Nigerja nhar it-8 ta' Gunju 1963. Fid-dawl tal-fatt li r-rikorrent ottjena c-cittadinanza Maltija b'newtralizazzjoni, huwa kellu l-fakolta' li jirregistra l-Att tat-Twelid esteru tieghu rregistrat mal-awtoritajiet Maltin ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponent irregistra l-Att tat-Twelid tal-attur wara talba maghmula taht l-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Flimkien mat-talba li saret, li tinsab hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 1', gew forniti l-Att tat-Twelid esteru, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2'. Ghaldaqstant l-esponent wara li kien sodisfatt li r-rekwiziti tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti, ghadda ghar-registrazzjoni tal-istess Att billi *ad verbatim* giet imnizzla l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att esteru. Ghaldaqstant l-esponent nizzel isem u kunjom tar-rikorrent bhala 'Adewumi Adedeji Ogunsanya' u dan kif kien jidher fuq l-Att tat-Twelid esteru mahrug mill-Awtoritajiet tan-Nigerja;

3. Illi stante s-suespost u kif ukoll mid-dokumenti ezebiti mill-esponent, ma jirrizultax mill-Att ta' Twelid tal-attur, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3', li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 6740 tas-sena 2017, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

4. Illi l-esponent, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza u salv ghal talba numru tnejn rigward il-passaport, huwa jirrimetti ruhu provdut li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi. L-esponent jissottolineja illi t-tieni talba ma

tistghax tigi akkolta stante li l-passaport ma huwiex meqjus bhala Att tal-Istat Civili u ma jinkwadrax taht Artikolu 253 tal-Kodici Civili;

5. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.'

Rat l-affidavit, certifikati, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-30 ta' Settembru, 2020 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza giet intavolata a tenur tal-Artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Permezz tal-kawza odjerna l-attur Adewunmi Adedeji Ogunsanya qieghed jitlob illi ssir korrezzjoni billi tizdied l-ittra 'n' f'ismu, billi l-kelma 'Adewumi' tinbidel f''Adewunmi', u liema tibdil ghandu jigi rifless fl-Att tal-Twelid bin-numru progressiv 6740 tas-sena 2017. Talab ukoll li jigi ordnat il-korrezzjoni tal-passaport tal-istess attur.

Illi fir-risposta tieghu pprezentata nhar it-13 ta' Frar, 2020 (a fol. 30 *et seq* tal-process) il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ppremetta li l-attur Adewunmi Adedeji Ogunsanya twieled gewwa n-Nigerja nhar it-8 ta' Gunju, 1963 u stante li huwa akkwista c-cittadinanza Maltija b'naturalizazzjoni huwa kellu l-fakulta' li jirregistra l-Att tat-Twelid esteru tieghu ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Ir-rikorrenti rregistra l-att ta' twelid esteru ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 u flimkien mat-talba huwa ressaq l-att ta' twelid esteru. Id-Direttur intimat sostna li wara li kien sodisfatt li r-rekwiziti gew sodisfatti, huwa rregistra *ad verbatim* l-informazzjoni misjuba fl-att esteru b'dan li l-isem u kunjom gie ndikat bhala 'Adewumi Adedeji Ogunsanya'. Ghalhekk isostni li effettivament ma jirrizultax li sar xi zball jew saret xi ommissjoni da parte tieghu. Fil-mertu, salv ghat-talba numru tnejn (2) relatata mal-passaport, id-Direttur intimat irrimetta ruhu salv li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi. Fir-rigward it-talba relatata mal-passaport, issottometta li ma tistax tigi akkolta stante li l-passaport m'huwiex meqjus bhala Att tal-Istat Civili u ma jinkwadrax taht l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili. Finalment eccepixxa li huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti stante li l-azzjoni tal-attur m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parte tad-Direttur intimat.

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-23 ta' Ottubru, 2020 hekk kif mitluba mil-ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti;

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lill-persuna li

tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi dan huwa kaz ta' registrazzjoni ai termini tal-artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li:

> '(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita' kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita' ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.
>
> (2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba.'

L-attur Adewunmi Adedeji Ogunsanya taha d-deposizzjoni tieghu bil-procedura tal-affidavit a fol. 10 tal-process u spjega li fic-certifikat esteru tat-twelid precizament fit-traskrizzjoni, l-ufficjal inkarigat nizzel l-isem 'Adewumi' minflok dak ta' 'Adewunmi'. Huwa sahaq li dan l-izball tant hu wiehed minimu li hadd ma ntebah bih sakemm huwa applika ghall-passaport Malti. Huwa kompla jghid li l-isem indikat fil-passaport tieghu Nigerjan huwa korrett filwaqt li fil-passaport Malti gie ndikat hazin u din id-differenza fl-isem qed tohloqlu problema meta jigi biex jivjagga u jaghmel uzu miz-zewg passaporti. Hekk xehed illi:

> '2. That at the time of my birth, a birth certificate (reg. No 0984686) was issued upon the registration of my birth in June, 1963 (Doc. A).

3. That the birth certificate issued contains an incorrect transcription of my first name, whereby instead of "Adewunmi" the official responsible wrote "Adewumi".

4. That this error is so minor that nobody noticed until I applied for my Maltese passport.'

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-kopja tal-Att ta' Twelid esteru tal-attur Adewunmi Adedeji Ogunsanya. Jirrizulta li hemm zewg verzjonijiet ta' dan l-Att ta' Twelid esteru. Filwaqt li l-kopja tal-att ta' twelid esteru li gie esebit mir-rikorrenti mar-rikors guramentat a fol. 7 tal-process ghandu n-numru ta' referenza tieghu 0984150, l-isem hemm indikat hu dak ta' Adewunmi Adedeji Ogunsanya, u ghalhekk huwa miktub fil-verzjoni t-tajba.

Mill-banda l-ohra, mat-talba ta' registrazzjoni (ara talba a fol. 34 tal-process) gie pprezentat Att ta' Twelid esteru iehor a fol. 35 tal-process bin-numru ta' referenza tieghu 0984686 minn fejn jirrizulta li huwa minnu li l-isem gie ndikat hazin bhala dak ta' Adewumi Adedeji Ogunsanya. Illi ghalhekk id-Direttur intimat kellu ragun jindika l-isem bhala dak ta' 'Adewumi' u mhux 'Adewunmi' stante li hu mexa *ad verbatim* ma dak indikat fl-Att ta' Twelid bin-numru ta' referenza 0984686. Ir-rikorrent kellu wkoll ragun jghid li l-ufficjal indika l-isem tieghu hazin fl-Att ta' Twelid tieghu bin-numru 0984686.

Illi r-rikorrent esebixxa kopja tal-passaport tar-Republika tan-Nigerja a fol. 8 tal-process minn fejn jirrizulta li l-isem hemm indikat huwa dak ta' Adewunmi Adedeji Ogunsanya. Esebixxa wkoll 'Attestation of Birth – Ogunsanya Adewunmi-Adedeji'

minn fejn jirrizulta li l-isem hemm indikat huwa wkoll dak ta' Adewunmi Adedeji Ogunsanya.

Illi din il-Qorti fic-cirkustanzi kollha suesposti tqis li t-talba tar-rikorrent giet sufficjentement pruvata u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna, ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-korrezzjoni tar-registrazzjoni f'Malta tal-Att ta' twelid bin-numru progressiv 6740 tas-sena 2017 tar-rikorrenti Adewunmi Adedeji Ogunsanya, sabiex il-kelma u cioe' isem "Adewumi" tinbidel f'"Adewunmi";

2. Tichad it-tieni talba stante li l-Qorti ma tistax tordna korrezzjonijiet fil-passaport tal-istess Adewunmi Adedeji Ogunsanya, stante li m'huwiex wiehed mill-atti li jaqa' fil-poteri tad-Direttur intimat ghalkemm jigi rilevat li t-tibdil fil-passaport ghandu jkun wiehed awtomatiku la darba ssir il-korrezzjoni fil-passaport;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li tali korrezzjoni tigi riflessa fl-atti kollha fil-poter tad-Direttur intimat.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghar-ragunijiet suesposti ghandhom jigu nterament sopportati mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Dicembru, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Dicembru, 2020**